MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 737/2010/1

**Avukat Dottor Michael Zammit Maempel bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti minn Malta Elena Maci**
***v.***
**European Insurance Group Limited (C35708)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta [“id-Debitriċi”] minn sentenza mogħtija fil-15 ta’ Diċembru 2010 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili li biha ntlaqgħet talba ta’ Elena Maci [“il-Kreditriċi”] biex tiġi eżewita sentenza [“is-Sentenza taljana”] mogħtija mit-Tribunal ta’ Lecce fl-Italja, qorti ta’ stat membru tal-Unjoni Ewropeja, taħt ir-

Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni, għarfien u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materja ċivili u kummerċjali [“*Bruxelles I*”]. Is-Sentenza taljana kienet ikkundannat lid-Debitriċi tħallas lill-Kreditriċi mitejn elf euro (€200,000) *sorte*, l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

2. Id-Debitriċi appellat minn dik is-sentenza b'rikors tal-25 t'Awissu 2011. Wara li fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012 id-Debitriċi irtirat xi wħud mill-aggravji tagħha, l-aggravju li jifdal huwa wieħed u jgħid hekk: id-Debitriċi hija fi stat ta' insolvenza u l-eżekuzzjoni tas-sentenza taljana twassal biex ma titħarisx il-*par condicio creditorum* u għalhekk tmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta; din hija raġuni għala l-eżekuzzjoni għandha tiġi miċħuda taħt l-art. 34(1) ta' *Bruxelles I*.

3. Għal dan ir-rikors il-Kreditriċi wieġbet fit-28 ta' Settembru 2011 u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jiġi miċħud.

4. Fit-tweġiba tal-Kreditriċi tressqet eċċezzjoni preliminari illi jeħtieġ li tiġi meqjusa qabel ma l-qorti tqis il-meritu tal-appell. Din l-eċċezzjoni preliminari tgħid illi l-aggravju tad-Debitriċi huwa msejjes fuq “informazzjoni ġdida illi qed tinġieb fi stadju ta' appell mingħajr ma saret talba biex tiġi mressqa”.

5. Din l-eċċezzjoni ma tqisx dak li jgħid l-art. 41 ta' *Bruxelles I* dwar il-proċeduri quddiem l-ewwel qorti:

“Is-sentenza għandha tiġi ddikjarata eżekwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet fl-Artikolu 53 mingħajr xi reviżjoni permezz ta' l-Artikoli 34 u 35. *Il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni m'għandhiex f'dan l-istadju tal-proċeduri tkun intitolata li tagħmel xi sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni*.”

6. Jekk id-Debitriċi ma setgħetx tagħmel sottomissjonijiet quddiem l-ewwel qorti, huwa evidenti illi dawn is-sottomissjonijiet tista' biss tagħmilhom – kif għamlithom – quddiem din il-qorti. Dan jemerġi ċar mir-regolament 45 tar-Regolamenti li jvesti lil din il-Qorti bis-setgħa neċessarja.

7. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda u nistgħu ngħaddu għall-meritu.

8. Waqt is-smigħ tal-appell, fid-29 ta' Settembru 2011, ġara illi d-Debitriċi tqiegħdet fi stralċ u nħatar stralċjarju

taħt l-art. 28(1)(*f*) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assikurazzjoni [Kap. 403].

9. Għar-raġunijiet mogħtija minn din il-qorti fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru 2012 *in re* Avukat Mark Refalo *nomine v. European Insurance Group Ltd*[1], li għaliha qiegħda ssir referenza, stralċ taħt l-art. 28(1)(*f*) tal-Kap. 403 jitqies daqslikieku stralċ mill-qorti u għalhekk igħoddu għalih id-dispożizzjonijiet tal-art. 222 u 303 tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386]:

**"222.** Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew eżekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, maħruġ jew miġjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.

**"303.** (1) Kull … ħlas, eżekuzzjoni jew att ieħor dwar proprjetà jew jeddijiet magħmula mill-kumpannija jew kontriha … fi żmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpannija għandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri tagħha, kemm jekk ikunu ta' xorta gratuwita jew jekk ikunu ta' xorta oneruża jekk … jekk tingħata preferenza, kemm-il darba l-persuna li favur tagħha jkunu saru ma tipprovax li ma kenitx taf u ma kellhiex raġuni taħseb li l-kumpannija kienet x'aktarx se tkun xolta minħabba insolvenza, u fil-każ li l-kumpannija tkun hekk xolta kull preferenza bi frodi tkun nulla."

10. Dan ma jfissirx illi s-Sentenza taljana ma tibqax tiswa bħala titolu eżekuttiv: ifisser biss illi sakemm id-Debitriċi tibqa' fi stralċ ma jistgħux jinħarġu mandati eżekuttivi kontrieha. Is-sentenza appellata għalhekk tibqa' tajba fejn iddikjarat is-Sentenza taljana eżekwibbli iżda mhux fejn ordnat l-eżekuzzjoni. Il-fatt illi s-sentenza ġiet dikjarata eżekwibbli bis-saħħa ta' *Bruxelles I* ma jibdel xejn minn dan għax tista' tiġi eżekwita daqslikieku kienet sentenza maltija, u għalhekk ma tistax tiġi eżekwita f'ċirkostanzi fejn sentenza maltija ma tkunx tista' tiġi eżekwita.

11. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn iddikjarat eżekwibbli s-Sentenza taljana iżda tħassarha

---

[1] Rikors numru 163/2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 84/2012 .

fejn ordnat l-eżekuzzjoni tal-istess sentenza. Billi l-fatti li wasslu għar-riforma tas-sentenza – *viz.* l-istralċ tad-Debitriċi – seħħew waqt is-smigħ tal-appell, l-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell għandha tħallashom id-Debitriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------